MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 430/2008

**Caroline Zammit (I.D. 280078M)**

**Vs**

**Svetlana Saliba (I.D. 183285M)**
**u Kevin Schembri (I.D. 28083M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Gunju 2008, fejn intalab li l- konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' elfejn seba` mija u hamsa u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,725.37) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-interessi legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attrici tad-9 ta' Lulju 2008 sabiex il-konvenuta Svetlana Saliba twiegeb

ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili) u n-nota tal-mistoqsijiet tal-attrici tal-24 ta' Ottubru 2008 sabiex il-konvenut Kevin Schembri iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2008 u lanqas ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2008 u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-noti tal-mistoqsijiet jisthopp li jkunu emmnuti u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma ta' elfejn seba` mija u hamsa u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,725.37) bl-interessi legali kif mitluba u bl-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz, li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------